# IL-PITTURA TA' COCCOLI FIL-KOLLEĠĠJATA TAR-RABAT

mill-Kan. Dun ĠWANN AZZOPARDI

Kienet ilha x-xewqa tal-poplu Rabti li jara l-Knisja ta' San Pawl, mibnija fuq l-Għar imqaddes bil-preżenza ta' San Pawl Missierna, mżejna kif jixraq bid-dekorazzjoni u l-pittura. Kważi mitt sena ilu, fl-1885, ir-Rabtin afdaw f'idejn Ġużeppi Calì il-pittura tal-lunetti u tal-koppla. Il-lunetti għadhom jitgawdew sal-lum waqt li l-koppla ġġarfet fl-1922. B'xorti ħażina x-xogħol tal-pittura ma setax jitkompla minħabba t-tilwim li nqala' fl-aħħar tas-seklu u li wassal biex ir-Rabat u l-Imdina ma jibqgħux parroċċa waħda iżda jinfirdu fi tnejn kif ġara fl-1902. Il-parrokat ta' Sun Salv Chircop, l-ewwel kappillan kien wisq qasir biex jerġa jaqbad ix-xogħol; kien ukoll parrokat mgħobbi b'ħafna tilwim. Iżda t-tieni kappillan, Dun Karm Sammut, qabad it-triq li jżejjen it-tempju b'opri kbar - il-qniepen, il-lanterna tal-koppla u l-pittura u d-dekorazzjoni tal-knisja. Għal dan il-proġett huwa neda konkors li fih ħadu sehem l-aħjar artisti Maltin. Barra minn hekk ġabar somma sabiħa ta' flus għall-pittura u d-dekorazzjoni. Il-kappillan ta' wara, Dun Nerik Bonnici, messitu l-isfortuna u messet lir-Rabat kollu, li flok titkompla l-pittura tintilef dik tal-koppla li kienet tlestiet ftit snin qabel. Minħabba d-disgrazzja tal-koppla Dun Nerik kellu jwaqqaf il-konkors ta' l-artisti iżda b'għaqal kbir, għalkemm magħfus bl-ispejjeż, ma mess xejn mis-somma miġbura għall-pittura.

Il-Providenza ddestinat lill-Kappillan ta' wara, Dun Anton Buhagiar, biex iwettaq din l-opra. Hu daħal għaliha bl-entużjażmu u l-ħeġġa kif jidher mill-korrispondenza li nżammet u li dan l-aħħar l-Arċipriet tagħna għaddiha fl-Arkivju. Iżda għal darb'oħra ċ-ċirkostanza tal-gwerra li waqqfet ix-xogħol għal bosta snin impediet lil Buhagiar li jara l-opra li beda mitmuma fil-parrokat tiegħu. B'danakollu xorta waħda raha mitmuma f'ħajtu mill-istess pittur fi żmien il-kappillan ta' wrajh Dun Lawrenz Spiteri.

Dun Anton Buhagiar beda l-ħidma tiegħu fl-1929 fi żmien li l-parroċċa kienet se thejji festi kbar għall-Ġublew tal-1933, b'tifkira tad-dsatax-il mitt sena mit-twaqqif ta' l-Ewkaristija. Hu mill-ewwel ħaseb biex tifkira li tibqa' ta' dan il-ġublew tkun il-pittura u għafas kemm felaħ mal-pittur biex ilesti kemm jista'. Fil-fatt laħqet tlestiet il-Koppla.

**Parir ta' l-Isqof Mawru: il-Beato Angelico**

Buhagiar kien midħla sew ta' l-Isqof Mawru Caruana, patri benedittin li kien jifhem fl-arti u fil-liturġija u li kellu wkoll bħala kappillan tiegħu lil Dun Karm Farrugia, qassis tar-ruħ u struwit u ta' gosti tajba. Dawn tawh parir jirrikorri għand l-iskola superjuri ta' l-arti, magħrufa bħala **Beato Angelico,** li kienet twaqqfet f'Milan minn Mons. Giuseppe Polvara, biex tgħallem l-arti u tgħin lill-knejjes fl-arti sagra. Il-kappillan bla tlaqliq laqa' dan il-parir u għalhekk nesa l-proġetti li kienu saru qabel kif ukoll proġetti oħra fuq inizjattiva privata li kienu saru (bħal dawk tal-pittur Ġanni Vella u tad-dekoratur Pawlu Galea) u rrikorra għand il-Beato Angelico li laqgħu it-talba fil-pront u bil-ferħ.

L-ambizzjoni ta' Buhagiar kienet opra monumentali li tixraq lill-knisja appostolika tagħna, u li għalhekk tisboq lil kull xogħol li diversi pitturi taljani kienu qed iwettqu f'Malta u kull xogħol li fil-fehma ta' Buhagiar kienu jaslu għalih l-artisti Maltin. Nikkwota siltiet mill-ittri tiegħu: Għandna pitturi maltin li studjaw l-Italja u l-Ingilterra iżda jien irrid xi ħaġa aqwa ..... Hawn il-Prof. Palmieri tal-Vatikan li qed jaħdem is-Siġġiewi; il-Prof. Villani f'Birkirkara; Casanova ta' Padova f'Marsascala u f'korrispondenza mal-Katidral; Baccio Bacci qed jikkorrispondi ma' l-Arċipriet tal-Mosta; lesti għall-pittura u d-dekorazzjoni l-knejjes ta' Ħal Qormi u l-Isla. Se tkun kompetizzjoni: nixtieq bil-ħerqa u nittama li tagħna tgħaddihom ilkoll.

**Il-Koppla tal-Kattidral**

Ġara li fil-kattidral ta' l-Imdina l-koppla qadima, mpittra minn Manno u wara mpittra mill-ġdid minn Gallucci fuq l-istess pittura ta'

Manno, kienet teħtieġ li terġa titpitter għat-tielet darba. Buhagiar ħadem kemm felaħ biex issir minn Coccoli permezz tal-Beato Angelico u r-raġuni kienet biex ma jsirux paraguni u d-diskors vojt dwar liema tkun l-isbaħ pittura. Iżda meta ra li l-kwistjoni tal-Kattidral se tieħu fit-tul, kompla jaħdem għal rasu. Kellhom igħaddu għoxrin sena biex jingħażel il-pittur tal-Kattidral, u avolja kien għadda tant żmien u Coccoli kien xjieħ u Buhagiar kien ilu li spiċċa mir-Rabat, bħala Monsinjur u Kanċillier tal-Kapitlu baqa' jitħabat biex il-koppla tal-Kattidral titpitter minn Coccoli. Iżda l-Kapitlu għażel lil Caffaro Rore li tana l-ġmiel ta' pittura li hemm illum.

**Nefqa u Stil**

L-ewwel mistoqsija li l-Beato Angelico għamlu lill-Kappillan Buhagiar kienet kemm irid jonfoq, ħalli ma jsirux spejjeż fi proġetti ta' dekorazzjoni li mbagħad ma jkunux jistgħu jitwettqu. It-tweġiba kienet: għal flus tħabblux raskom għax diġa' għandi f'idejja fuq elf lira (somma kbira dak iż-żmien) u meta jibda x-xogħol jiena niġbor u l-poplu Rabti hu ġeneruż għall-pittura u d-dekorazzjoni tal-Knisja. Iżda kien dejjem jinsisti: tuna xogħol mill-aħjar għax inkella mur żomm bil-kritika speċjalment mill-antiklerikali. Insista wkoll li l-pittura li ssir tkun taqbel ma' l-istil arkitettoniku tal-Knisja u mal-pittura tal-kwadru titolari li tagħhom bagħat xi ritratti. Hawnhekk il-kappillan Buhagiar bħal tabib għaqli poġġa subajh fuq il-ferita li ried idewwi; għax il-Beato Angelico twaqqaf biex irawwem fil-knejjes stil aktar devot, aktar spiritwali mill-istili li konna mdorrijin bihom aħna u li kienu jtuna l-artisti ta' żmienna. Stil inqas korporeum inqas maqlugħ *(three demensional)* milli konna naraw. Ladarba tqabbad il-Beato Angelico, ir-riżultat ma setax ikun dak li ħafna kienu jistennew u jixtiequ u l-pittura kienet ser tirċievi ħafna kritika waqt li tkun hija stess mezz ta' ri-edukazzjoni fl-arti sagra. Minn naħa l-oħra għalihom stess kellha tkun *challenge* għax dan it-tip ta' arti spiritwali hu aktar faċli li jsir fi knisja ta' stil romanesk jew gotiku waqt li joħloq sfida fi knisja barokka bħal tagħna.

**Programm tax-xogħol**

L-għażla ta' Elio Coccoli mill-Beato Angelico ġiet milqugħa bil-ferħ mill-kappillan li kien ġie milqut mill-ġmiel tal-kwadru li juri l-Mewt ta' San Ambroġ, impitter minn Coccoli u stampat fil-bullettin ta' l-istitut, *Arte Cristiana.* Mal-Beato Angelico il-kappillan ikkonkluda fi żmien ferm qasir u fassal il-programm tax-xogħol: l-ewwel issir il-koppla, mbagħad il-kor, wara jitpittru l-kappelluni u fl-aħħar il-korsija. Fil-fatt il-programm inbidel ftit fis-sens li l-korsija tpittret qabel il-kappelluni. Ġiet deċiża mill-bidu l-għażla tas-suġġetti: il-Konverżjoni ta' San Pawl u l-Martirju, il-Konsagrazzjoni ta' San Publiju bħala Isqof jew l-ewwel quddiesa fil-Grotta, l-addio ta' San Pawl lill-Maltin u t-tluq tiegħu; il-bqija, episodji mill-ħajja ta' San Pawl kif jiddeċiedi l-pittur. L-iskema tad-dekorazzjoni tkun kollha tal-pittur iżda x-xogħol isir minn dekoraturi Maltin.

**Twettiq tal-proġett**

Ix-xewqa ta' Buhagiar li jlesti l-pittura għall-Kungress Ewkaristiku kienet kbira u rnexxielu jlesti l-Koppla, xogħol li ġie mogħti prominenza kbira barra minn Malta, ppubblikat f'kartolini mill-istess Beato Angelico u li għalkemm stil ġdid ingħoġob u ġie apprezzat ukoll f'Malta. Iżda x-xogħol kollu kellu jieħu tul ta' bosta snin, kemm minħabba l-kobor tiegħu, kemm minħabba l-fatt li l-pittur kien igħix fin-nord ta' l-Italja u mgħobbi b'ħafna xogħol ieħor fi żminijiet meta artists ma setax jirrifjuta xogħol li jidħollu u l-aktar minħabba l-gwerra li sfrattat it-tkomplija tal-pittura għal bosta snin. Fil-fatt ix-xogħol kollu ħa fuq l-għoxrin sena u tlesta fl-1954 mill-Kappillan Spiteri bil-kappelluni. Il-Koppla tlestiet f'Ġunju 1933 u d-dekorazzjoni tagħha fuq l-iskema ta' Coccoli saret mid-dekoratur Rabti Pawlu Galea. F'Ġunju 1935 tlesta l-kor u d-dekorazzjoni nħadmet minn ċertu Bonnici li ħadem ukoll f'Ta' Pinu, Għawdex fejn miet. Fl-aħħar tal-1939 tlestiet il-korsija li d-dekorazzjoni tagħha nħadmet minn Francesco Sciortino. F'Settembru 1954 tlestew il-kappelluni u d-dekoratur kien Ġużeppi Galea li għadu ħaj mimli bil-għomor u li hu iben Pawlu, li ħadem id-dekorazzjoni tal-koppla.

**Abbozzi tal-korsija**

Ma nqalgħux diffikultajiet kbar la dwar il-koppla u lanqas dwar il-kor apparti minn żball fil-qisien tal-kwadri laterali tal-kor li rrikjedew

li tinqata' biċċa mill-pittura. Iżda tqajjmet kwistjoni dwar il-korsija li tagħha saru diversi bozzetti. Ftit huma dawk li japprezzaw il-fatt li l-korsija tal-knisja tagħna u dik tal-Ġiżwiti tal-belt huma uniċi fil-knejjes barokki ta' Malta fis-sens li huma mibnija mingħajr 'kustilji'. Il-knejjes antiki tal-kampanja u bħalhom il-parroċċi u l-knejjes il-kbar li nbnew fl-istil barokk, inkluż San Ġwann ta' Ġlormu Cassar, għandhom is-saqaf tal-korsija mfassal u mibni b'dawk il-flieli li joffru possibilità li l-pitturi jdaħħlu diversi kwadretti jew episodji fis-saqaf. Dan it-tfassil arkitettoniku sar qisu ħaġa tradizzjonali maltija. Iżda l-pjanta tal-knisja tagħna u dik tal-Ġiżwiti saru minn arkitett barrani fil-bidu tal-barokk malti, Bonamico, li ma ħassx ruħu marbut b'din it-tradizzjoni maltija u fassal navata ċentrali mingħajr dawn il-kustilji. Coccoli apprezza dan il-fatt u fil-linja ta' l-arti devota li ried joħloq sfrutta l-arkitettura u ħoloq kompożizzjoni waħda. Fassal abbozz li hu dak tal-lum u li kien għal qalbu. L-unika varjetà li kellu kienu żewġ gruppi ta' anġli fuq ras u taħt riġlejn San Pawl. Iżda l-konverżjoni għal dan it-tip ta' arti li ried idaħħal il-Beato Angelico ma kenitx faċli u dan l-abbozz sab kritika qawwija. L-*adviser* ta' Buhagiar, Mons. Apap Bologna, ssuġġerixxa suġġett ieħor: titpitter il-Glorja ta' San Pawl fl-isfond taż-żewġ assedji li fihom missirijietna ġarrbu l-protezzjoni ta' San Pawl b'mod l-aktar sensibbli fl-inħawi tar-Rabat, l-assedju tat-Torok u l-assedju tal-Franċiżi. Wara ħafna korrispondenza minn Coccoli biex isir jaf aħjar l-istorja huwa ppreżenta abbozz ġdid, anzi tnejn jew aħjar l-istess wieħed b'żewġ varjanti. Żewġ buzzetti kollhom kuluri ħajja. Id-differenza bejn il-wieħed u l-ieħor hija fil-figura ċentrali ta' San Pawl: fl-ewwel (li llum jinsab fil-Mużew tal-Komun ta' Brescia) San Pawl hu mdawwar b'awreola ta' glorja li tfakkar ukoll fl-Ewkaristija, fit-tieni, (illum miżmum b'għożża fil-mużew tal-kolleġġjata tagħna) San Pawl qed jirċievi raġġ qawwi ta' dawl li ġej mill-bogħod. Waqt li t-tieni varjanti donnu jfakkrek fil-Konverżjoni, l-ewwel wieħed jgħaqqad b'mod meraviljuż iż-żewġ festi tagħna ta' Corpus u San Pawl. Dan il-buzzett ispirat minn Mons. Apap Bologna ngħoġob ferm minn Buhagiar li fil-pront ħarġu fis-sagristija u qajjem





entużjażmu kbir fost ir-Rabtin. Iżda żgur li ma ngħoġobx mill-Beato Angelico għax ma kienx fl-istil ta' l-arti sagra li huma riedu jedukaw għaliha, l-istil li twettaq fil-Beatitudni tal-Koppla u fil-kwadru ċentrali tal-kor. Il-pittur irid igħoġob lill-kommittenza li tħallsu u fl-apostolat u fil-kwadri laterali tal-kor Coccoli wera l-ħila tiegħu anki fil-barokk. Coccoli żgur li ħass ruħu magħfus għax il-kommittenza tiegħu kienet kemm il-Beato Angelico li kienu għażluh u kienu jtuh ħafna xogħol u kemm ir-Rabtin li kienu se jħallsu dik il-pittura. Il-buzzetti kienu jintbagħtu mhux mill-pittur iżda mill-Beato Angelico u l-ħlas kien isir permezz tagħhom. Il-korrispondenza kienet tkun kemm ma' l-iskola u kemm direttament mal-pittur. Għall-iskola kien aktarx jikteb don Bettoli mhux is-superjur don Polvara iżda meta ntbagħat dan il-buzzett kiteb ittra iebsa don Polvara stess li qal lill-kappillan Buhagiar: Waqt li nibagħtu t-tieni buzzett, inħarsu b'għafsa ta' qalb lejn l-ewwel wieħed li intom abbandunajtu. Aħsbuha sewwa, araw x'se tagħmlu. Għada pitgħada tridu twieġbu lill-istorja.

**Deċiżjoni iebsa**

Wara li dan il-proġett kien ġa kiseb l-ammirazzjoni tar-Rabtin, huwa ġie sottomess għall-approvazzjoni tal-kurja li żammet iebes kontrih u ddeċidiet favur l-ewwel wieħed. Ir-raġuni li ġabet hi li ma kienx jaqbel mal-istil tal-pittura diġa' mibdija (dik tal-koppla u tal-kwadru ċentrali tal-kor) u li l-kompożizzjoni fiha nfisha kienet tinħass konfuża u diżunita. Huwa fatt li ma nistgħux niċħduh li dan il-buzzett ma ħariġx mill-ewwel ispirazzjoni ta' Coccoli iżda mill-pressjoni kbira li saret fuqu u għalhekk ma ħassux liberu waqt li qed ipinġih bħalma ħassu fl-ieħor. Ċertu artist illum xiħ li kien midħla ta' Coccoli qalli li fuq kollox kien il-Prof. Sciortino, l-istess kuġin ta' Mons. Buhagiar, li meta sema' lil Coccoli jistqarr li iħossu aktar liberu fl-ewwel wieħed, ħadem fil-Ġunta Djoċesana tal-Antikitajiet biex jingħażel l-ewwel buzzett u jitwarrab it-tieni. Din id-deċiżjoni Buhagiar aċċettaha mill-ewwel u minnufih beda x-xogħol li tlesta kważi lejliet il-gwerra li waqqfet it-tkomplija tal-pittura.

**Il-Kappelluni**

Wara l-gwerra kellna kappillan ġdid, Dun Lawrenz Spiteri. Il-pittur Coccoli kien qed jixjieħ sewwa u l-forzi tiegħu xi ftit iddgħajfu. Iżda l-kappillan Spiteri ħass li jkun difett kbir li jidħol pittur ġdid (diġa' għandna l-Calì fil-lunetti) u għalhekk għaġġel biex Coccoli jlesti. L-*adviser* artistiku din id-darba kien in-nutar Catania u l-Beato Angelico ma daħal f'xejn. Mill-korrispondenza li rajt fi Brescia jirriżulta li Catania xejn ma kien kuntent jew konvertit għall-arti tal-beato Angelico li tirrappreżenta figuri ċatti; ried figuri li jitgawdew "da sotto in su" iżda kien prudenti biżżejjed biex jifhem li la l-prinċipju kien ġie aċċettat qabel, issa mhux il-każ li tinsisti. Iżda Catania ried rappreżentazzjonijiet "scorciati" u fuq il-parir tiegħu Spiteri talab li jsiru disinji ġodda. Dawn illum qegħdin Brescia. Il-kappelluni ġew inawgurati f'Settembru 1954.

**Ħlasijiet**

Il-Knisja ta' San Pawl hi l-akbar impriża reliġjuża ta' Coccoli fl-arti sagra u fiha hemm fuq it-300 figura f'estensjoni ta' sitt mitt metru kwadrat ta' tila. Coccoli għamel ukoll il-buzzett tal-Kristu li hemm maħdum fil-mużajk fil-faċċata ta' barra.

Il-ħlasijiet li saru lill-Coccoli/ Beato Angelico jirriżulta mill-irċevuti li kienu: Liri Taljani 32,5000 għall-koppla; 48,700 għall-korsija; 78,000 għall-korsija u ekwivalenti ta' 300 lira maltija għall-kappelluni. Kull meta ġie Malta biex jaħdem Coccoli dejjem qagħad għand il-Kappillan.

Mhux darba u tnejn li artist jirrepeti xogħol tiegħu f'post ieħor bħalma għamel Manno li l-korsija tal-Kattidral rrepetiha f'Palermo. Hekk ukoll għamel Coccoli: rrepeta l-Beatitudni tal-Koppla fil-knisja ta' Sant'Andrija f'Mornico al Serio ġo Bergamo.

**Tagħrif dwar il-ħajja tal-Pittur**

Natu dan it-tagħrif qasir dwar il-ħajja ta' Coccoli: twieled fi Brescia fl-1 ta' Lulju 1880 bħala tarbija abbandunata li l-ewwel ġiet miġbura minn familja ta' bidwi li wara ftit mar l-Amerika u mbagħad imrobbi minn bejjiegħ tal-frott. Tgħallem l-iskola u t-talent artistiku tiegħu rebbħu ħafna premji. Bata ferm biex qabad ix-xogħol iżda l-kuntratt mal-Beato Angelico fejn kien jgħallem u jiddirieġi s-sezzjoni tal-pittura ġablu stabbilità ekonomika

u ħafna kummissjonijiet. Miet ta' 94 sena fit-28 ta' Frar 1974. F'Mejju 1983 ġie kommemorat ġo Brescia b'wirja u b'katalgu li hu wkoll ktieb dwar ħajtu. Għandu bintu Anna (mpinġija f'dettal tal-korsija tagħna) pittriċi.

**Il-Via Sagra**

Qabel nagħlaq insemmi servizz ieħor li Coccoli ta lill-parroċċa tar-Rabat, servizz li jistħoqqlu kull tifħir. Waħda mill-isbaħ opri tal-knisja tagħna hi l-Via Crucis, riproduzzjoni



awtentika ta' dik li hemm fis-sagrarju ta' Radipuglia fl-Italja (ħdejn Bolzano) u li hi monument nazzjonali tal-mejtin ta' l-ewwel gwerra dinjija. Din l-opra fil-bronz inħadmet minn Giannino Castiglione li kien rebaħ l-ewwel premju ta' konkors nazzjonali li sar għaliha. Ġiet imħallsa mill-ommijiet u l-għarajjes tas-suldati li mietu. Kien bit-tħabrik ta' Coccoli (fuq talba tal-kappillan Spiteri) li l-artist Castiglione, ħabib ta' Coccoli, ta l-permess u ddiriega r-riproduzzjoni tagħha fl-istess fonderija Battaglia e Compagno ta' Milan bħala donazzjoni gratuita lill-Parroċċa tar-Rabat. Nieħdu gost li jiġi ppublikat dan it-tagħrif bħala ħajr kemm lil Coccoli kemm ukoll lill-ex kappillan, illum Monsinjur Spiteri li inawgura din il-Via Crucis propju fl-aħħar granet qabel ma telaq mingħajr ma laħaq inkiteb xejn dwarha. Spiteri tħabat mhux ftit biex il-gvern Taljan jagħti permess għar-riproduzzjoni li kienet projbita barra mill-Italja.

Din is-sena l-Via Crucis tagħlaq 30 sena li ġiet inawgurata fir-Rabat waqt li Mons. Spiteri, l-Kappillan li tana din l-opra sabiħa, jagħlaq 50 sena saċerdot.

**Tifkira ta' Coccoli**

L-aħħar kelma fuq Coccoli: jixraq li dan il-pittur jiġi kommemorat ukoll f'Malta u hemm il-ħsieb li bil-koperazzjoni ta' bintu issir tifkira żgħira imma xierqa tiegħu fostna fl-okkażjoni tal-20 sena ta' mewtu.


# Final Furniture

**College Street, Rabat**

Naċċettaw kull ordni għal:

- □ GĦAMARA ELEGANTI
- □ SALOTTI MODERNI
- □ KMAMAR TA' L-IKEL
- □ KITCHEN UNITS ETC.

**U DAK KOLLU LI TINĦTIEĠ**

**BIEX TARMA DAR MODERNA**